BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

10 ta' Settembru, 2008

**Minuti tal-laqgha numru 19(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu iltaqa' ghal laqgha numru 19(05), fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar l-Erbgha 13 ta' Awwissu, 2008 fi 6:00

**Prezenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, is-sur Ivan Peresso – Kunsillier u s-sinjura Judith Saliba – Kunsilliera.

Il-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar, nghaqqad ghal laqgha fi sebgha neqsin kwart filwaqt li l-Kunsilliera Miriam Grech kienet skuzata minhabba ragunijiet ta' xoghol.

Ippresieda is-Sindku, s-sur John Boxall.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-laqgha 17(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.2(18/05), is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-applikazzjoni tal-MEPA numru PA 03279/08,dwar l-installazzjoni ta' ATM f'Xatt ir-Rizq qeghda fil-process ghal l-applikazzjoni.

1.2 Dwar item 1.3(18/05), is-Sindku, s-sur John Boxall, qal li dwar il-progett ta' kostruzzjoni ta' Gnien tal-Hawli, bhalissa nbeda ix-xoghol ta' fuq il-gibjun.

1.3 Item 1.5(18/05).Dwar il-proġett MedCOAST.Net, il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sieħeb ewlieni, il-gvern lokali ta' Agria (fil-Greċja) ma kienx se jitlob estensjoni, kontra dak li kien dejjem ingħad fil-laqgħat tal-konsorzju. L-istess bliet iddeċidew li japplikaw minflok għal proġett ġdid taħt it-tielet sejħa tal-programm Archimed, bl-isem ta' ANEMUCA, li kellu jservi ta' kontinwazzjoni għax-xogħol mibdi permezz tal-MedCOAST.Net. Ir-riżultati ta' din is-sejħa mistennija jkunu magħrufa sa l-aħħar ta' Settembru. Il-Kunsill applika wkoll għal proġett ieħor miktub mill-Fondazzjoni Temi Zammit fuq il-patrimonju tal-Kavallieri ta' San Ġwann, bl-isem ta' LEGHOS.

Għall-korrettezza tal-minuti, is-sindku għamel riferiment għall-paragrafu 1.8 tal-minuti tal-laqgħa 13(05) tat-18 ta' Frar, 2008, li kien jittratta x-xogħlijiet konnessi mal-proġett MedCOAST.Net, u talab li jiddaħħal fil-minuti rapport ta' kif kienet żviluppat is-sitwazzjoni minn dak iż-żmien. Wara dik il-laqgħa, il-Kunsill kien ġie mgħarraf bil-bżonn li jirrevedi d-deċiżjonijiet tiegħu fir-rigward ta' l-għażla tal-kuntratturi għax-xogħlijiet indikati minħabba fir-regolamenti tal-Kunsilli Lokali.

Il-Fondazzjoni Temi Zammit, li hija msieħba fl-istess proġett u għandha esperjenza sostanzjali fuq proġetti Ewropej, kienet ikkonsultat mal-Ministeru tal-Finanzi biex tkun żgura li r-regolamenti finanzjarji tal-gvern li japplikaw fil-każ tal-proġetti Interreg ikunu

segwiti.  Skond din l-informazzjoni, hija kienet għarrfet lill-Kunsill li seta' jkun aċċettabbli li l-Kunsill jitlob tliet kwotazzjonijiet għal xogħlijiet li ma jaqbżux l-Lm2,500 (mingħajr il-VAT), minħabba li ma kienx hemm żmien li jintalbu tenders.  Dan għaliex il-proġett kollu kien mistenni li jieħu ftit iżjed minn sena, bl-ewwel xhur dedikati għall-istudji meħtieġa biex jiġu identifikati s-siti, l-interventi neċessarji u d-dokumentazzjoni biex wieħed jibda japplika l-proċess ta' l-EMAS.  B'konsegwenza ta' dan, ix-xogħlijiet kollha kellhom jitlestew fi ftit ġimgħat biex wara ssir l-evalwazzjoni u l-eżerċizzji l-oħra previsti.  Dan ma kienx jippermetti dewmien fuq il-ħruġ ta' tenders.  Jidher iżda li għalkemm entitajiet pubbliċi u ekwivalenti, bħall-Fondazzjoni Temi Zammit, jistgħu skond ir-regolamenti finanzjarji tal-gvern jitolbu kwotazzjonijiet u jipproċedu mingħajr tenders sa l-ammont ta' Lm2,500 (+VAT), fil-każ tal-Kunsilli Lokali hemm ir-regolamenti speċifiċi li jpoġġu limitu iktar baxx, ta' Lm2,000.

Fid-dawl ta' dan, wara li nkiseb il-qbil tal-kunsilliera, ġie deċiż li:

1. Fejn il-Kunsill diġà għandu tenders validi, mhemmx għalfejn jintalbu kwotazzjonijiet ġodda imma jistgħu jiġu segwiti t-tenders eżistenti.  Dan japplika fil-każ ta' l-istallazzjoni ta' dawl, il-provvista tal-fanali u l-bini mill-ġdid tal-kolonni, fejn il-Kunsill għandu kuntratti ma' Nexos Street Lighting, Amabile Galea & Sons u Brian Lia Building Contractor rispettivament.

2. Għax-xogħlijiet ta' tikħil, għandu jew jitnaqqas it-tul tal-ħajt inkluż fil-proġett, jew titbaxxa r-rata biex il-kont jibqa' taħt l-Lm2,000.  L-istess arranġament għandu jsir rigward il-*finishing*.  Wara li kkonsulta mal-perit u naqqas l-ammont tax-xogħol biex ma jinqabiżx il-limitu ta' Lm2,000, il-Kunsill kiseb assigurazzjoni mingħand il-kuntratturi li kienu taw l-orħos offerta li huma kienu f'pożizzjoni li jlestu x-xogħlijiet kollha saż-żmien stipulat.  Dan kien essenzjali biex jippermetti li l-Kunsill iżomm mal-programm tal-proġett u ma jitlifx fondi.  Wara dan, il-Kunsill ikkonferma l-għażla ta' l-orħos offerti f'kull każ, jiġifieri Gordon Reed għat-tikħil u Warren Reed għax-xogħol tal-*finishing*.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

Sadattant, is-sindku reġa' kiteb lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu biex parti mix-xogħlijiet meħtieġa jsiru jew jitħallsu mill-Awtorità (bħala *sponsor*), biex tissebbaħ iż-żona kollha. Dan biex ikunu jistgħu jitlestew ix-xogħlijiet kollha u ma titnaqqasx il-firxa tal-proġett minħabba f'nuqqas ta' fondi. Għalhekk, is-sindku kellu laqgħat mas-Sur Mario Attard u l-Perit Kevin Fsadni, min-naħa ta' l-Awtorità. B'danakollu, il-Kunsill kien iddeċieda li xorta waħda jlesti x-xogħlijiet kollha, bil-kontribuzzjoni ta' l- Awtorità jew mingħajrha. Għalhekk, reġa' ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għat-tikħil tal-kolonni l-ġodda li kellhom jinbnew u parti mis-swar, biex ix-xogħol jitlesta kollu sat-tmiem tal-proġett. F'dan il-każ, l-orħos offerta kienet dik ta' Gordon Reed, li talab l-ammont ta' € 2,594.71. Wara li ġew konsultati l-kunsilliera, kien hemm qbil li x-xogħol jingħata lil Gordon Reed. Biss, il-Kunsill kellu jibqa' jinsisti ma' l-Awtorità biex jipprova jikseb il-ħlas ta' dan u xi servizzi oħra. Dwar dan il-punt, is-sindku rrapporta li kellu laqgħa oħra mas-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Dr Mario de Marco, li wiegħed li dalwaqt kien se jwieġeb it-talba tal-Kunsill.

Is-sindku temm ir-rapport tiegħu billi fakkar lill-kunsilliera li x-xogħlijiet kienu issa tlestew kollha b'mod sodisfaċenti u ġew ukoll ċertifikati mill-perit.

Is-Sindku pprezenta tlett kwotazzjonijiet dwar xoghlijiet ta' konsultazzjoni ghal progettt MedCOAST.net u l-progett EMAS. Wara diskussjoni, s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel l-irhas offera li kienet dik tas-sur Lawrence Attard fi hdan il-kumpanija Malta Intelligent Energy Management Agency. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li l-progett MedCOAST.net wasal fi tmiem tieghu fl-ahhar konferneza li saret f'Agria gewwa l-Grecja bejn it-22 u s-27 ta' Lulju, 2008.

Dwar dan is-suggerimenti kien hemm qbil unanimu

1.4 Dwar item 1.9(18/05) is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mis-sur Charles Bonello, Segretarju Privat fl-ufficju tal-Prim Ministru, fejn nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu li l-Prim Ministru ser jghaddi l-proposti li ressaq l-Kunsill lis-Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu l-Onor. Mario DeMarco. Is-Sindku zied jghid li ser issir

laqgha mas-sur Kevin Drake direttur fi hdan l-Awtorita Maltija ghat-Turizmu fejn ser jigu diskussi l-attivita tal-Birgu By Candlelight kif ukoll l-attivita tar-risottata.

1.5 Item 1.15(18/05). Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-applikazzjoni ghall-*istairlift* f'Couvre Porte giet sottomessa l-MEPA u thaddan in-numru PA 03513/08.

1.6 Dwar item 2.2(18/05), is-Sindku, s-sur John Boxall qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu nforma lil Assocjazzjoni AVEC li l-istess Kunsill huwa lest li joffri ufficju ghal din l-Assocjazzjoni. Is-Sindku qal li sa issa l-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta, biss l-Assocjazzjoni ghada ma hadet l-ebda decizjoni.

1.7 Item 2.5(18/05). Il-Kunsillier Ivan Peresso ssugerixxa sabiex is-Sindku, s-sur John Boxall, jattendi l-konferenza permanenti ta' l-Ibliet Storici fil-meditterran, li ser issir bejn l-20 u t-22 ta' Dicembru, 2008 u jikkonferma l-attendenza tieghu ghal din il-konferenza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Hawnhekk, is-Sindku zied jghid li f'kaz li l-konferenza tahbat ezatt ma' l-attivita Carols By Christmas Lights, 2008, wiehed jikkonsidra li jikkancella l-attendenza tieghu

1.8 Dwar item 2.8(18/05), is-Sindku fakkar lil Kunsilliera li fix-xahar t'Awwissu l-impjegati tal-Kunsill ser ikunu bin-nofs ta' nhari.

1.9 Item 3 (18/05). Is-Sur John Boxall, Sindku qal li dwar l-iskema tal-parkegg bil-hin ghar-residenti, f'din is-sitwazzjoni l-Kunsill ghandu jsib data u hin opportune sabiex tissejjah laqgha pubblika ghar-residenti sabiex tigi spjegata s-sitwazzjoni. Is-Sindku zied jghid li ghal laqgha l-Kunsill jistieden lis-Sinjura Audrey Testaferrata De Noto, direttrici fi hdan l-Awtorita dwar it-Trasport, kif ukoll l-kunsill jitlob l-presenza tal-GRTU bhala medjatur. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.10 Dwar item 4(18/05), is-Sindku qal li wara decizjoni li ttiehdet b'vot unanimu mil-istess Kunsill dwar id-decizjoni li l-Kunsill jinforma lid-Diretturi tal-Grand Harbour Marina, sabiex is-sur Ben Stuart, General Manager, fi hdan din il-kumpanija biex ma jersaqx iktar lejn il-Kunsill, is-Sindku pprezenta ittra mibghuta minn Dr. Josette Grech, l-avukat tal-

kumpanija Grand Harbour Marina fejn qallet li din id-decizjoni hija kontra l-ligi. Hawnhekk is-Sindku stqar li din il-korrispondenza diga ntbghatet lil avukat tal-kunsill Dr. Neville Camilleri u s-Sur Boxall sostna sabiex id-decizjoni tal-Kunsill ma taqax. Wara diskussjoni, dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.11 Item 8(18/05). Is-sur John Boxall, Sindku qal li l-harga kulturali ghal anzjani ghal gzira t'Ghawdex ma saritx minhabba l-problema ta' l-istrike ta' tal-linja u l-mini buses.

## 2. Korrispondenza

2.1 Korrispondenza mil-Kumitat Kongunt tal-Fgura sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jhallas l-kontijiet pendent. Is-Sindku nforma lil kunsilliera li s-servizz tal-gwardjani lokali fil-Birgu mhux tajjeb, tant li sahansitra resident nfurmat lil Kunsill li gwardjan lokali kien qalhom li l-Kunsill kien bghathom u barra min hekk tah il-hinijiet ezatt fix-xhin ser jerga' ikunu l-Birgu l-gurnata ta' l-ghada. Barra min hekk, is-Sindku nforma lil Kunsilliera dwar incident iehor li sehh rigward c-CCtv camera fejn gwardjan lokali qal lis-Sindku li ser inizzel fuq ic-citazzjoni li s-Sindku geghlu jaghti din ic-citazzjoni. Wara diskussjoni s-Sindku, s-sur John Boxall ssugerixxa li fil-laqgha li jmiss tal-Kumitat Kongunt l-Kunsill tal-Birgu jipproponi li l-kumitat jbiddel l-kumpanija tal-gwardjani lokali jigifieri l-Sterling Security. Il-Kunsillier Ivan Peresso ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni ghal aircondition 18,000 btu ghal ufficju ta' l-iskrivani. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien rcieva kwotazzjoni minghand il-kumpanija Forestals ghal prezz ta' €734, kwottazzjoni minghand l-kumpanija Phoenix Group ghal prezz ta' € 850 u kwotazzjoni minghand is-sur Steve Bajada ghal prezz ta' € 855 li jinkludi sentejn garanzija u hames snin garanziija fuq il-kumpressur. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel il-kwotazzjoni tas-sur Steve Bajada peress li kienet l-iktar wahda vantagguza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Korrispondenza minghand is-sinjorina Glykeria Thymiakou, fi hdan l-kumpanija EuroTrans Consulting Ltd, fejn bghatet l-proposta sabiex l-partners tal-progett MedCOAST.net jidhlu ghal progett gdid, l-progett ANEMUCA bhala kontinwazzjoni tal-progett MedCOAST.net. Is-Sindku nforma lil kunsilliera li l-Kunsill kien bghat l-accettazzjoni li jissieheb f'dan il-progett. Wara diskussjoni s-Sindku ppropona li l-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar, jkun hu s-sostitut tas-Sindku fi hdan dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-Sindku nforma lil kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie avzat mil-Fondazzjoni Temi Zammit li ser jerga' jigi sottomess il-progett LEGHOS taht is-sejha Archimed, liema progett kien diga gie sottomess is-sena l-ohra izda ma kienx gie approvat. Is-sur John Boxall Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu japprova li terga tigi sottometta l-applikazzjoni ghal dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Ittra mid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-komunita sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jinnomina persuna ghal premju ta' l-Anzjan tas-Sena 2008. Wara diskussjoni l-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar ssugerixxa sabiex il-Kunsill jinnomina lis-sur Anton Attard. Is-sur John Boxall, Sindku issugerixxa sabiex jigi ccekjat jekk is-sur Attard jistax jigi nnominat mil-Kunsill Lokali tal-Birgu peress li ma jidhirx fuq ir-registru elettorali tal-Belt tal-Birgu, jekk jirrizulta fil-pozittiv kien jaqbel u jissekonda lil Vici Sindku. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Ittra minghand is-sur Franco Davies, segretarju tal-« Mithras Sword Fight Club », fejn ghan-nom tal-klubb tieghu talab lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex kull nhar ta' Tnejn bejn is-6 u t-8 ta' filghaxija jinghataw l-permess li juzaw l-area ta' Couvre Porte sabiex ikunu jistghu jaghmlu t-tahrig necessarju. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Is-Sindku pprezenta stedina mil-Walled Towns Friendship Circle sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jippartecipa fis-symposium annwali li ser issir bejn l-10 u l-14 ta' Ottubru,



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

2008, gewwa Kent, fl-Ingilterra. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex jekk hi interessata tattendi ghal din il-konferenza l-Kunsilliera Miriam Grech peress li din l-assocjazzjoni taqa' taht ir-responsabilta taghha izda f'kaz li minhabba impenji ohra ma tkunx tista' tattendi filkaz tattendi l-Kunsilliera Judith Saliba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Ittra minghand l-Onor. George Pullicino, Ministru ghar-Rizorsi u l-affarijiet Rurali, fejn talab lil Kunsill Lokali tal-Birgu jinnomina persuna biex tirraprezenta lil istess Kunsill fuq il-Kumitat ghar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera. Wara diskussjoni, l-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar ssugerixxa sabiex ir-rapprezentant tal-Kunsill, ikun s-Sindku s-sur John Boxall. Il-Kunsillier Ivan Peresso ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta ilment minghand is-sinjura Grace Mifsud fejn talbet lil Kunsill sabiex jaghmel sleeping policeman fi Triq Guzeppi Decelis minhabba sewqan issegerat min nies li qeghdin ikunu f'din it-triq u ghaldaqstant, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' dan is-suggeriment. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Ittra minghand is-sur Silvio Frendo, Assistant Direttur fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn nforma lil Kunsill li r-rata tal-hlas bhala re-imbursement dovut lil kunsilliera ghal kull kilometru li jivvjagaw bit-traspost privat taghhom fuq qadi ta' dmirijiethom nkonnessjoni mal-Kunsill huwa ta' € 0.23 kull kilometru. Dwar dan il-hlas kien hemm qbil unanimu.

2.11 Korrispondenza mis-sur Joseph Bonello fi hdan l-Institute of Tourism Studies fejn nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu, li l-istess Kunsill ser ikun wiehed mil-partners fil-kontinwazzjoni tal-progett PRISMA, l-progett ORIMED. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand l-kumpanija JP Baldacchino Co. Ltd. ghal materjal sabiex il-Kunsill jaghmel palk li jizzarma. Is-Sindku qal li l-materjal iqum € 292 u x-xoghol ta' muntagg jista' jsir mil-haddiema assenjati mil-IPSL. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu sabiex dan il-materjal jinxtara.

2.13 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand l-kumpanija Diaries JD Ltd. Ghal sebghin (70) djarju tas-sena 2009, ghal prezz ta' € 231.20. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa u japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14 Ittra minghand il-Fondazzjoni OASI fejn talbu lil Kunsill Lokali tal-Birgu, donazzjoni ghal din il-Fondazzjoni, kif ukoll ghal organizazzjoni tal-Premju Zghazugh tas-Sena 2008. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa s-Sindku ssugerixxa sabiex tinghata donazzjoni ta' € 50. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.15 Is-Sindku pprezenta kopja ta' ittra mibghuta mis-sur Tonio Hili, Chief Executive tal-kumpanija Cottonera Waterfront Group plc, lid-dipartiment ta' l-artijiet dwar it-tarag li hemm biswit Caraffa Stores. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li fl-ittra tieghu, s-sur Tonio Hili qieghed jimplika li dan it-tarag ghandu jaqa' taht ir-responsabilta tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku qal li l-Kunsill ma' jistax jkun responsabli ghal xi haga li ma giex ikkunsultat fuqha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.16 Is-Sindku pprezenta korrispondenza rigward diversi offerti offruti mil-Banif Bank. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li jekk l-offerta hija aktar vantagguza min dik li diga qieghed joffri l-APS bank, ikun ahjar jekk l-ammont ta' flus li hemm f'dak il-bank jinqalbu ghal kont gdid mal-Banif Bank. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

3. **<u>Gemellag mal-Belt ta' Karlskrona, fl-Isvezja.</u>**

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil kunsilliera prezenti li hu kien gie avvicinat mis-sur Mario Tabone, chairman ta' Heritage Malta, sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu, jibda l-proceduri biex issir gemellag ma' din il-Belt. Is-Sindku zied jghid li hu kien diga mar f'din il-Belt xi snin ilu mal-Perit Christ Spiteri dik inhar Chairman tal-Kumitat tar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera u x-xewqa tal-Belt ta' Karlskrona nibtet fil-fatt li f'din il-Belt hemm ukoll Muzew Marittimu. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti qablu li japprovaw din il-proposta sabiex issir gemellag ma' din il-Belt.

4. **<u>Jum il-Birgu, 2008</u>**

Il-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar, ipprezenta programm fuq 7 t'ijiem sabiex jigi ccelebrat Jum il-Birgu, 2008. Il-Vici Sindku ssugerixxa li r-rigali lil anzjani li ma johorgux mid-dar jitqassmu fuq tlett ijiem u jitqassmu mil-kunsilliera flimkien mat-tfal tal-MUSEUM. It-Tlieta 2 ta' Settembru, jingieb il-bank tad-demm, l-Erbgha 3 ta' Settembru, tinghata donazzjoni ta' kotba lil librerija regjonali kif ukoll isir riceviment ckejken ghat-tfal. Is-sur Christopher Cassar ssugerixxa sabiex il-Gimgha 5 ta' Settembru titella' Lejla Letterarja fuq l-istorja tal-Birgu. Is-Sibt 6 ta' Settembru, jitpoggew kuruna ma' kull monument li hawn l-Birgu fl-okkazzjoni ta' Jum il-Birgu. Il-Vici Sindku ssugerixxa li peress fil-laqgha precedenti gie diskuss sabiex ic-cerimonja ta' Jum il-Birgu ssir fuq skala izghar, huwa ssugerixxa sabiex nhar is-7 ta' Settembru, issir quddiesa solenni fil-knisja ta' San Lawrenz u wara issir cerimonja zghira f'Couvre Porte fejn jsir diskors ta' l-okkazzjoni mis-Sindku s-sur John Boxall u jinghata l-Premju "Gieh Jum il-Birgu, 2008" u wara jsir riceviment zghir.

Wara diskussjoni, s-Sindku ssekonda s-suggeriment tal-Vici Sindku u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk is-sur John Boxall, Sindku ppropona li din is-sena jinghata l-premju"Gieh Jum il-Birgu, 2008" lil Monsinjur Kanonku Pawlu Raggio, ghax-xoghlijiet siewja li ghamel u li ghadu qieghed jaghmel fil-Belt tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil

unanimu. Hawnhekk is-sur Christopher Cassar ppropona sabiex il-Kunsill jitlob lis-sur John Raggio jaghmel feature fuq Dun Pawl. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**5. Decizjoni dwar it-tender ghat-tindif u manutenzjoni ta' gonna pubblici fil-Birgu**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li ghal din it-tender ntefghet offerta wahda, dik tas-sur Karl de Flavia ghal prezz ta' € 11,180 (Lm 4799.57). Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li d-decizjoni dwar l-imsemmi tender tittiehed fil-laqgha tal-Kunsill ma tittihidtx qabel ma ssir laqgha mas-sur Karl de Flavia.

**6. Decizjoni dwar it-tender ghas-servizz ta' xoghol ta' hadid.**

Is-Sindku qal li ghal dan it-tender ma ntefghet l-ebda offerta. Wara diskussjoni, l-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar issugerixxa sabiex din it-tender ma tinharigtx u tintallab dejjem kwotazzjoni ghal xoghlijiet specifici ta' hadid. Is-Sindku s-sur John Boxall, ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**7. Preżentazzjoni tar-Rapport dwar il-proposta ghal gemellag mal-belt ta' Casorate Sempione**

Skond il-proceduri godda dwar il-gemellagi mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali permezz ta' MEMO 13/2008, is-Sindku pprezenta ghal approvazzjoni tal-Kunsill rapport dwar il-proposta tal-Kunsill sabiex isir il-gemellag ma' Casorate Sempione u ppropona sabiex dan ir-rapport jigi milqugh u approvat. Il-Kunsilliera Judith Saliba ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8. Ħwejjeġ Oħra

8.1 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li s-sur Mario Farrugia CEO tal-Fondazzjoni Wirt Artna offra li jhallas tlett arbli sabiex jitpoggew fuqhom il-bandiera Maltija, l-bandiera Ewropea u l-bandiera tal-belt tal-Birgu, mal-bini tal-Kunsill.

8.2 Is-Sur John Boxall, Sindku ppropona sabiex ic-cerimonja tal-ftuh tal-monument f'gieh is-sur Nestu Laiviera issir fil-11 ta' Jannar, 2009 u ssugerixxa li l-Kunsill jistieden lil Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi u lil kap ta' l-Oppozizzjoni Dr. Joseph Muscat sabiex jinawguaraw dan il-monument u jigi mbierek mil-Arcisqof Pawlu Cremona. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Hawnhekk is-Sindku ppropona li d-donazzjonijiet li l-Kunsill jircievi ghandhom imorru ghan-nefqa tal-bust li ser tammonta ghal madwar € 3000.

8.3 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, is-Sindku, ppropona li din il-lista tigi approvata. Is-Sur Christopher Cassar, Vici Sindku, issekonda dan il-proponiment u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il- laqgha ntemmet fid-8:00 ta' filghaxija.

__________________________ __________________________

Christine Bonello ikkonfermati John Boxall
Segretarja Ezekuttiva Sindku